# Beati u Qaddisin...Dicembru

**Beata Vergni Marija ta' Guadalupe.**
**12 ta' Dicembru**

L-istorja ta' Guadalupe tibda' fis-sena 1531 meta Marija Ssma. dehret bosta drabi gewwa Guadalupe fil-Messiku. Dik il-persuna li lilha Marija dehret kien aztek u kkonverta ghall-kristjanezmu. Ismu kien Juan Diego Cuauhtlatoatzin u ra lil Madonna ghal aktar minn darba bejn id-9 u t-12 ta' Dicembru.



F'Lulju tas-sena 2002 id-dehriet ta' Guadalupe gew approvati mill-knisja u Juan Diego Cuauhtlatoatzin kien kanonizat minn Gwann Pawlu II. Dan kien pass importanti ghall-fidi ta' hafna miljuni ta' pellegrini.

Marija dehret ghal l-ewwel darba lil Juan Giego fuq gholja u talbitu li jibnilha knisja ghall-gieh taghha f'dawk l-inhawi. Ghalhekk Juan Diego mar ghand l-isqof u qallu kull ma kienet talbitu l-Vergni Mbierka, imma dan ma emminx. Meta dehritlu ghat-tieni darba Marija qalet lil Juan biex jerga'jmur ghand l-

isqof u din id-darba l-isqof qallu biex jghid lill-Vergni Mbierka biex tatih prova li kienet tikkonferma l-fatt .

Juan Diego irritorna fuq l-gholja u Marija weghditu sinjal li kellu jsehh il-jum ta' wara, imma r-rghaj l-ghada ma setghax imur fuq l-gholja billi zijuh kien gravament marid. L-ghada Diego ra lill-Madonna fi triqtu u assiguratu li zijuh kien ser ifieq filwaqt li talbitu biex jirritorna lejn l-gholja.

Meta Juan Diego rritorna lejn l-gholja sab il-ward. Dan kien is-sinjal tal-Vergni billi dan il-kwalita' ta' ward ma kienx jikber dawk in-nahat u barra minn hekk kien barra mill-istagun tieghu.Qieghed kollox fil-mantell tieghu u bihom telaq ghal ghand l-isqof.

L-isqof kien ma xi nies ohra meta Diego fetah il-mantel quddiem kulhadd biex jurih il-fjuri u b'ghageb kbir ta' kull min kien prezenti fuq il-mantell kien hemm xbiha tal-Madonna. Dak kien is-sinjal kbir li kellha turih l-Madonna biex l-isqof jipperswadi ruhu li kellu jibni santwarju ghall-gieh taghha fejn kellu jurih Diego.

Imbniet kappella zghira f'gieh il-Vergni Mbierka, imma aktar 'l quddiem din il-kappella mbidlet ma' santwarju veru li gie kkonsagrat fis-sena 1622. Fis-sena 1976 dan is-santwarju gie nawgurat bhala Bazilka.

Hawn Marija Ssma tinghata qima minn hafna u hafna fidili u devoti marjani minn madwar id-dinja kollha. Hija tisma' il-karba ta' uliedha fil-bzonn u tghin fil-htigijiet taghhom.

Illum dan il-mantell huwa konservat b'ghozza kbira fil-Bazilka tal-Vergni ta' Gwadalupe.